Ilment CHAP(2012) 1860 – rikonoxximent tal-irċevuta u informazzjoni dwar għeluq ippjanat

(2013/C 57/08)

Il-Kummissjoni Ewropea rċeviet u rreġistrat, bin-numru CHAP(2012) 1860 għadd kbir ta' lmenti kontra leġiżlazzjoni ġdida fil-Polonja fuq il-ġestjoni tal-art agrikola proprjetà tal-Istat li tillimita d-daqs ta' art agrikola mikrija lill-bdiewa u obbligu fuq il-kerrejja li jixtru farms f'ċertu żmien.

Minħabba n-numru ta' lmenti rċevuti dwar dan is-suġġett, u sabiex tkun żgurata reazzjoni rapida u informar ta' dawk ikkonċernati, waqt li jsir l-aktar użu ekonomiku tar-riżorsi amministrattivi, il-Kummissjoni qed tippubblika din l-informazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fuq l-Internet fuq: http://ec.europa.eu/eu_law/complaints/receipt/index_en.htm

Wara eżaminazzjoni tal-ilmenti, is-servizzi tal-Kummissjoni kkonkludew li mhuwiex possibbli, f'dan l-istadju, li jiġi identifikat ksur tal-liġi tal-UE f'dan il-każ.

L-ilmenti jissuġġerixxu li l-leġiżlazzjoni Pollakka tmur kontra l-Artikoli 15, 17 u 20 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 2(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

Fir-rigward tal-allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 2(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, li fih id-definizzjonijiet tat-termini "bidwi" u "impriża", ma jidhirx li l-miżuri deskritti fl-ilment huma kuntrarji għal dan l-Artikolu, billi dawn id-definizzjonijiet ma jirreferux għad-daqs tal-art agrikola sabiex azjendi jirċievu pagamenti diretti. Dan ir-Regolament ma jirregolax r-relazzjonijiet kuntrattwali bejn l-inkwilini u s-sidien tal-art relatati mad-daqs tal-azjendi tagħhom.

L-uniku rekwiżit li jirreferi għad-daqs ta' art agrikola biex azjendi jirċievu pagamenti diretti huwa previst fl-Artikolu 124(2), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament, li jgħid:

> "Id-daqs minimu ta' erja eliġibbli għal kull azjenda li għaliha jistgħu jintalbu pagamenti għandu jkun ta' 0,3 ettaru. Madankollu, kwalunkwe Stat Membru ġdid jista' jiddeċiedi, abbażi ta' kriterji oġġettivi u wara approvazzjoni mill-Kummissjoni, li jistabbilixxi d-daqs minimu f'livell ogħla li ma jaqbiżx ettaru."

Skont l-Artikolu 88 u l-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 1121/2009, il-Polonja stabbiliet għal ettaru d-daqs minimu ta' erja eliġibbli għal kull azjenda li għaliha jistgħu jintalbu pagamenti. Konsegwentement, il-bdiewa Pollakki b'azjenda b'erja minima ta' ettaru huma intitolati li jirċievu pagamenti taħt l-iskema ta' pagament uniku għall-erja, u l-miżuri nazzjonali applikabbli għal bdiewa b'azjendi ta' aktar minn 300 ettaru, kif deskritt fl-ilment, mhumiex kuntrarji għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 u r-Regolament (KE) Nru 1121/2009.

Din l-interpretazzjoni hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, li weħidha għandha l-kompetenza li toħroġ deċiżjonijiet legalment vinkolanti dwar il-validità u l-interpretazzjoni tal-atti adottati mill-istituzzjonijiet tal-UE.

Rigward il-ksur allegat tal-Artikolu 15 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, wieħed jista' jinnota li l-Karta ma tapplikax għal kull sitwazzjoni ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali. Skont l-Artikolu 51(1), il-Karta tapplika għall-Istati Membri biss meta jkunu qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni Ewropea. Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta u fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq, ma jidhirx li l-kwistjoni li l-ilmenti jirreferu hija marbuta mal-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, l-Artikolu 6(1) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li, "[i]d-dispożizzjonijiet ta' din il-Karta m'għandhom bl-ebda mod jestendu l-kompetenzi tal-Unjoni kif definiti mit-Trattati" u l-Artikolu 345 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li dan it-Trattat m'għandux jippreġudika r-regoli fl-Istati Membri li jirregolaw is-sistema tas-sjieda tal-proprjetà. Id-dispożizzjoni aħħarija tagħti s-setgħa lill-Istati Membri biex jiddefinixxu s-sistema tas-sjieda tal-proprjetà fit-territorji tagħhom, inkluż il-limitazzjoni tad-drittijiet ta' kerrejja biex jikru jew jixtru art agrikola, u l-Kummissjoni m'għandha l-ebda awtorità li taġixxi f'dan il-qasam.

B'kunsiderazzjoni tal-elementi preċedenti, is-servizzi tal-Kummissjoni se jipproponi lill-Kummissjoni li l-każ jingħalaq.

Jekk il-kwerelanti jikkunsidraw li għandhom informazzjoni ġdida li tista' twassal lill-Kummissjoni biex mill-ġdid tikkunsidra l-proposta li tagħlaq il-każ, din għandha tkun ippreżentata lill-Kummissjoni fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe tali informazzjoni ġdida, il-Kummissjoni tista' tagħlaq il-każ.